MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 106/2014

**Silvio Lautier**

**Vs**

**Guzeppi Buhagiar**
**ID. 3738(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Marzu 2014 fejn l-attur talab it-Tribunal huwa mitlub jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mija u tmientax -il ewro u tletin centezmu (€1,118.30) rapprezentanti dik il-parti mill-prezz li hija dovuta lura mill-attur a tenur tal-artikolu 1428 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante diffeti latent li nstabu fil-vettura Fiat Marea.

Bl-ispejjez u l-imghax bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta ipprezentata fl-4 ta' April, 2014 fejn ecepixxa illi l-attur m`ghandux interess guridiku peress li l-vettura in

kwistjoni qatt ma kienet propjeta' tieghu u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi l-azzjoni tentata kif inhi a bazi ta' l-Artikolu 1428 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija insostenibbli peress li dan l-artikolu mhuwiex applikabbli ghall-kaz.

Illi bla prejudizzju ghall-premess, kwalunkwe hsarat li talvolta seta' kien hemm fil-vettura, ma kinux ezistenti fil-mument tan-negozju in kwistjoni. Jekk kien hemm xi hsarat, dawn gew kawzati mill-istess attur.

Illi fi kwalunkwe kaz hemm ratifika ta' l-abbligazzjoni, peress li l-vettura in kwistjoni sa mill-bidu tan-negozju ma kinitx imdawwra fuq isem l-attur izda fuq persuna ohra u sal-lum ghadha fuq isem din l-istess persuna. Illi ghalhekk gie li l-attur tacitament irratifika kull difett li seta' kien hemm.

Illi f'kull kaz l-attur naqqas milli jiddepozita l-vettura in kwistjoni that l-awtorita' tal-Qorti, u ghaldaqshekk ukoll gie li rratifika kull nuqqas li tavolta seta` kien hemm.

Illi ghall-bqija it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur, bl-ingunzjoni tal-attur in subizzjoni.

Xehed l-attur fejn spjega illi hu partat il-vettura tieghu ma dik tal-konvenut. Il-konvneut kien qallu l-vettura tieghu kien ghadu kif ghamlilha service u bidlilha t-timing belt. Minkejja dan il-magna ma hassiex sew l-attur u ghalhekk mar ghand il-mechanic, li nduna li kellha sinna mqabbza u rrangha. Mat-tpartit l-attur ta' mitejn ewro (€200) zieda lill-konvenut.

Malli l-attur ha l-karozza waqfitlu pero' l-konvenut tah battrey ohra. Qal ukoll illi beda diehel l-ilma mill-windscreen. Wara dan il-karozza waqfet u l-mekanik qallu li qatghat it-timing belt. Din il-problema kienet swietu elf u mitejn ewro (€1,200). Pero' l-attur xtara vettura ohra u ffitja l-magna. Wara dan kien hemm hsara ohra li graw fil-vettura.

Xehed Stephen Zammit li huwa mechanic u spjega illi hu nduna li t-timing belt minkejja li nqasmet kien inbidel ma kienx sar fine tunning u filfatt dan ghamluh. Qal ukoll illi wara li l-attur stara l-vettura inqalghu xi problemi ohra li ma kienx hu li sewwa kollox. Pero' tax-xoghol li ghamel hu thallas.

Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit fejn spjega illi meta l-attur avvicinah biex ipartu l-vettura kien hadha ghand il-mechanik li indikalu l-attur u meta mar biha l-mechanic qallu li kien jaf bih ghax qallu l-attur.

Wara li l-mekkanik irrenga t-timing belt il-konvenut hallsu hamsa u ghoxrin ewro (€25) u l-mekkanik qallu li l-vettura kienet pinna. wara dan kien rega ppruvaha l-attur u qal lil konvenut li l-vettura kienet ok. Wara li sar it-tpartit it-transfer ma sarx mill-ewwel ghax l-attur ried izzommha ftit ghandu. Izda habib tal-konvenut kien qallu illi l-attur kien qed isuq hafna u li kien ahjar isir it-transfer halli ma jkollux inkwiet. Filfatt wara li cempilu diversi drabi sar dan it-transfer.

Wara sitt (6) gimghat l-attur cempel lil konvenut u beda kwazi jgheddu. Il-konvenut infurmah illi hu ma kellux x'jaqsam mal-vettura peress illi kien hadha ghand il-mekkanik li ndika l-attur. Wara dan l-attur baghat ittra bl-avukat lil konvenut.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokument;

Ikkunsidra;

F'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet konfingenti pero bejn dawn iz-zewg verzjonijiet hemm ix-xhieda tal-mekkanik li spjega illi verament kien sar ix-xoghol fuq il-vettura. Ghalhekk jidher illi l-konvenut ma kellux habi u ma naqqas li jghidlu xejn lil attur. Fuq kollox din kinet vettura ta' certu eta u huwa naturali li jinqalghu problemi u hsarat fil-magna. Il-problema li kellha l-vettura ma kienetx wahda latanti izda wear and tear tal-vettura u jekk wiehed joqghod fuq dak li xehed il-mekkanik allura jidher li l-konvenut ma ghandux tort.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi l-konvenut bl-agir tieghu ma naqasx lil attur.

Ghalhekk it-Tribunal jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur,**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------